
## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/1815]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1822 tat-13 ta' Ottubru 2016 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi għall-aklonifen, għad-deltametrin, għall-fluważinam, għall-metomil, għas-sulkotrijon u għat-tijodikarb f'ċerti prodotti jew fuqhom ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1866 tas-17 ta' Ottubru 2016 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi għal 3-deċen-2-on, aċibenżolar-S-metil u eżaklorobenżen f'ċerti prodotti jew fuqhom ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward l-għalf u l-prodotti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-prodotti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(4) Għalhekk, l-Annessi I u II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu mal-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 R 1822**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1822 tat-13 ta' Ottubru 2016 (ĠU L 281, 18.10.2016, p. 1),

— **32016 R 1866**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1866 tas-17 ta' Ottubru 2016 (ĠU L 286, 21.10.2016, p. 4),"

*Artikolu 2*

L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu mal-punt 54zzy (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 R 1822**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1822 tat-13 ta' Ottubru 2016 (ĠU L 281, 18.10.2016, p. 1),

— **32016 R 1866**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1866 tas-17 ta' Ottubru 2016 (ĠU L 286, 21.10.2016, p. 4)."

*Artikolu 3*

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2016/1822 u (UE) 2016/1866 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 281, 18.10.2016, p. 1.
([2]) ĠU L 286, 21.10.2016, p. 4.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**Nru 52/2017**

**tas-17 ta' Marzu 2017**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/1816]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1834 tas-17 ta' Ottubru 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 f'dak li għandu x'jaqsam mas-sustanza "monepantil" (1) għandu jiddaħħal fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiġi miżjud fil-punt 13 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010) tal-Kapitolu XIII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 R 1834**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1834 tas17 ta' Ottubru 2016 (ĠU L 280, 18.10.2016, p. 22)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1834 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkunu awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

(1) ĠU L 280, 18.10.2016, p. 22.
(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 53/2017**

**tas-17 ta' Marzu 2017**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/1817]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1936 tal-4 ta' Novembru 2016 li japprova l-ossidu tal-kalċju (ġir maħruq) bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 2 u 3 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiżdied wara l-punt 12zzzzg (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1950) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"12zzzzh. **32016 R 1936**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1936 tal-4 ta' Novembru 2016 li japprova l-ossidu tal-kalċju (ġir maħruq) bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 2 u 3 (ĠU L 299, 5.11.2016, p. 48)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1936 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkunu awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

([1]) ĠU L 299, 5.11.2016, p. 48.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 54/2017

## tas-17 ta' Marzu 2017

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/1818]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2288 tas-16 ta' Diċembru 2016 li japprova l-butossidu tal-piperonil bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2289 tas-16 ta' Diċembru 2016 li japprova l-epsilon-momfluworotrina, bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2290 tas-16 ta' Diċembru 2016 li japprova l-aċidu peraċetiku bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 11 u 12 ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2291 tas-16 ta' Diċembru 2016 li japprova L(+) Aċidu lattiku, bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 1 ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 12zzzzh (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1936) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"12zzzzi. **32016 R 2288**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2288 tas-16 ta' Diċembru 2016 li japprova l-butossidu tal-piperonil bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 65).

12zzzzj. **32016 R 2289**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2289 tas-16 ta' Diċembru 2016 li japprova l-epsilon-momfluworotrina bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 68).

12zzzzk. **32016 R 2290**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2290 tas-16 ta' Diċembru 2016 li japprova l-aċidu peraċetiku bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 11 u 12 (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 71).

12zzzzl. **32016 R 2291**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2291 tas-16 ta' Diċembru 2016 li japprova L(+) Aċidu lattiku bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 1 (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 74)."

([1]) ĠU L 344, 17.12.2016, p. 65.
([2]) ĠU L 344, 17.12.2016, p. 68.
([3]) ĠU L 344, 17.12.2016, p. 71.
([4]) ĠU L 344, 17.12.2016, p. 74.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2288, (UE) 2016/2289, (UE) 2016/2290 u (UE) 2016/2291 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 55/2017

## tas-17 ta' Marzu 2017

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/1819]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/950 tal-15 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,4-DB, beta-cyfluthrin, carfentrazone ethyl, *Coniothyrium minitans* ir-Razza CON/M/91-08 (DSM 9660), cyazofamid, deltamethrin, dimethenamid-P, ethofumesate, fenamidone, flufenacet, flurtamone, foramsulfuron, fosthiazate, imazamox, iodosulfuron, iprodione, isoxaflutole, linuron, maleic hydrazide, mesotrione, oxasulfuron, pendimethalin, picoxystrobin, silthiofam u trifloxystrobin ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/952 tal-15 ta' Ġunju 2016 li japprova s-sustanza attiva b'riskju baxx *Saccharomyces cerevisiae* tar-razza LAS02, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1424 tal-25 ta' Awwissu 2016 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva tifensulfuron-metil skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1429 tas-26 ta' Awissu 2016 li japprova s-sustanza attiva *Bacillus amyloliquefaciens* tar-razza MBI 600, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XV tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin jiġu miżjuda mal-punt 13a (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011):

"— **32016 R 0950**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/950 tal-15 ta' Ġunju 2016 (ĠU L 159, 16.6.2016, p. 3),

— **32016 R 0952**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/952 tal-15 ta' Ġunju 2016 (ĠU L 159, 16.6.2016, p. 10),

— **32016 R 1424**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1424 tal-25 ta' Awissu 2016 (ĠU L 231, 26.8.2016, p. 25),

— **32016 R 1429**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1429 tas-26 ta' Awissu 2016 (ĠU L 232, 27.8.2016, p. 1)."

([1]) ĠU L 159, 16.6.2016, p. 3.
([2]) ĠU L 159, 16.6.2016, p. 10.
([3]) ĠU L 231, 26.8.2016, p. 25.
([4]) ĠU L 232, 27.8.2016, p. 1.

2. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 13zzzzzzn (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1426):

"13zzzzzzo. **32016 R 0952**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/952 tal-15 ta' Ġunju 2016 li japprova s-sustanza attiva b'riskju baxx *Saccharomyces cerevisiae* tar-razza LAS02, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 159, 16.6.2016, p. 10).

13zzzzzzp. **32016 R 1424**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1424 tal-25 ta' Awwissu 2016 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva tifensulfuron-metil, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 231, 26.8.2016, p. 25).

13zzzzzzq. **32016 R 1429**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1429 tas-26 ta' Awissu 2016 li japprova s-sustanza attiva *Bacillus amyloliquefaciens* tar-razza MBI 600, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 232, 27.8.2013, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/950, (UE) 2016/952, (UE) 2016/1424 u (UE) 2016/1429 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 56/2017

## tas-17 ta' Marzu 2017

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/1820]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1978 tal-11 ta' Novembru 2016 li japprova s-sustanza bażika żejta tal-ġirasol f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XV tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 13a (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011):

   "— **32016 R 1978**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1978 tal-11 ta' Novembru 2016 (ĠU L 305, 12.11.2016, p. 23)."

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 13zzzzzzq (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1429):

   "13zzzzzzr. **32016 R 1978**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1978 tal-11 ta' Novembru 2016 li japprova s-sustanza bażika żejt tal-ġirasol skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 305, 12.11.2016, p. 23)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1978 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkunu awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

([1]) ĠU L 305, 12.11.2016, p. 23.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 57/2017

## tas-17 ta' Marzu 2017

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/1821]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/635 tat-22 ta' April 2016 li jemenda l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2870/2000 rigward ċerti metodi ta' referenza għall-analiżi tal-ispirti ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar ix-xorb spiritwż. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna x-xorb spiritwż ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli hija estiża għal-Liechtenstein, kif inhu speċifikat fl-introduzzjoni għall-Kapitolu XXVII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiġi miżjud fil-punt 8 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2870/2000) tal-Kapitolu XXVII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 R 0635**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/635 tat-22 ta' April 2016 (ĠU L 108, 23.4.2016, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/635 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkunu awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

([1]) ĠU L 108, 23.4.2016, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 58/2017**

**tas-17 ta' Marzu 2017**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/1822]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1 tat-3 ta' Jannar 2017 dwar il-proċeduri ta' identifikazzjoni tal-inġenji tal-ilma skont id-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 2 (id-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XXXI tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"3. **32017 R 0001**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1 tat-3 ta' Jannar 2017 dwar il-proċeduri ta' identifikazzjoni tal-inġenji tal-ilma skont id-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali (ĠU L 1, 4.1.2017, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkunu awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

([1]) ĠU L 1, 4,1.2017, p 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 59/2017**

**tas-17 ta' Marzu 2017**

**li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2018/1823]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XI tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 5k (id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XI tal-Ftehim ŻEE:

", kif emendat bi:

— **32013 L 0037**: Id-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 175, 27.6.2013, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2013/37/UE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

([1]) ĠU L 175, 27.6.2013, p. 1.
(*) Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 60/2017

## tas-17 ta' Marzu 2017

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2018/1824]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2016/2309 tas-16 ta' Diċembru 2016 li tadatta għar-raba' darba l-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi skont il-progress xjentifiku u tekniku ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 13c (id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 L 2309**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2016/2309 tas-16 ta' Diċembru 2016 (ĠU L 345, 20.12.2016, p. 48)."

*Artikolu 2*

It-test tad-Direttiva (UE) 2016/2309 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

([1]) ĠU L 345, 20.12.2016, p. 48.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 61/2017

# tas-17 ta' Marzu 2017

# li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2018/1825]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1945 tal-14 ta' Ottubru 2016 dwar l-ekwivalenzi bejn kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan ([1]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni (UE) 2016/1945 tirrevoka id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/209/UE ([2]), li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandha tiġi revokata taħt il-Ftehim ŻEE.

(3) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-test tal-punt 24fb (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/209/KE) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE qed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"**32016 D 1945**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1945 tal-14 ta' Ottubru 2016 dwar l-ekwivalenzi bejn kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan (ĠU L 302, 9.11.2016, p. 62)."

*Artikolu 2*

It-test tad-Deċiżjoni (UE) 2016/1945 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġu ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

([1]) ĠU L 302, 9.11.2016, p. 62.
([2]) ĠU L 120, 23.4.2014, p. 1.
(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 62/2017**

**tas-17 ta' Marzu 2017**

**li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2018/1826]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti fir-rigward tas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara għall-finijiet tad-Direttiva 2008/106/KE (Is-sitwazzjoni fl-1 ta' Awwissu 2015) (2015/C 261/04) ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 56js (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/935/UE) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE:

"56jt. **52015XC0808(02)**: Lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti fir-rigward tas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara għall-finijiet tad-Direttiva 2008/106/KE (Is-sitwazzjoni fl-1 ta' Awwissu 2015) (2015/C 261/04) (ĠU C 261, 8.8.2015, p. 25)."

*Artikolu 2*

It-test tal-Lista 2015/C 261/04 61/04 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

([1]) ĠU C 261, 8.8.2015, p. 25.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 63/2017

## tas-17 ta' Marzu 2017

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2018/1827]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2096 tat-30 ta' Novembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2009 rigward ċerti kriterji li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u jadottaw miżuri alternattivi tas-sigurtà ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiżdied fil-punt 66hd (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2009) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE:

", kif emendat bi:

— **32016 R 2096**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2096 tat-30 ta' Novembru 2016 (ĠU L 326, 1.12.2016, p. 7)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) Nru 2016/2096 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

([1]) ĠU L 326, 1.12.2016, p. 7.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 64/2017

## tas-17 ta' Marzu 2017

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2018/1828]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2120 tat-2 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 66wc (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE:

"— **32016 R 2120**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2120 tat-2 ta' Diċembru 2016 (ĠU L 329, 3.12.2016, p. 70)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2120 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkunu awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

([1]) ĠU L 329, 3.12.2016, p. 70.
(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 65/2017

# tas-17 ta' Marzu 2017

# li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2018/1829]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2345 tal-14 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 262/2009 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1079/2012 fir-rigward tar-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-ICAO ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII mal-Ftehim taż-ŻEE għandu jkun emendat kif ġej:

1. L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 66we (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1079/2012):

   "— **32016 R 2345**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/2345 tal-14 ta' Diċembru 2016 (ĠU L 348, 21.12.2016, p. 11)."

2. Dan li ġej jiżdied mal-punt 66wh (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 262/2009):

   "kif emendat bi:

   — **32016 R 2345**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/2345 tal-14 ta' Diċembru 2016 (ĠU L 348, 21.12.2016, p. 11)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2345 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkunu awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

([1]) ĠU L 348, 21.12.2016, p. 11.

(*) Ma huma indikari l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 66/2017

# tas-17 ta' Marzu 2017

# li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE [2018/1830]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1872 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi għall-2016 il-"Lista ta' Prodcom" ta' prodotti industrijali stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 4an (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/1711) tal-Anness XXI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"4ao. **32016 R 1872**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1872 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi għall-2016 il-'Lista ta' Prodcom' ta' prodotti industrijali stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 (ĠU L 290, 25.10.2016, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) Nru 2016/1872 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ, fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

([1]) ĠU L 290, 25.10.2016, p. 1.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 67/2017

# tas-17 ta' Marzu 2017

# li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE [2018/1831]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2236 tat-12 ta' Diċembru 2016 li jispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tal-modulu ad hoc tal-2018 dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 18av (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/8) tal-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE:

"18aw. **32016 R 2236**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2236 tat-12 ta' Diċembru 2016 li jispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tal-modulu ad hoc tal-2018 dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja (ĠU L 337, 13.12.2016, p. 6)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2236 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkunu awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---

([1]) ĠU L 337, 13.12.2016, p. 6.
(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT